**27 ta' Ottubru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Giuseppa Caruana et

*versus*

Andrea Caruana

**Eredità — Użufrutt — Komunjoni tal-akkwisti — Prelevamenti "Hearsay Evidence" — "Litis pententia" u konnessità — Art. 597, 598, 795 u 796, Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 676 u 742, Kodiċi Ċivili.**

*Il-provvediment tal-artikolu 796 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili dwar it-trattazzjoni kontestwali ta' kawżi konnessi huwa fakoltativ u dana sabiex il-ġudikant, fl-arbitriju l-iżjed prudenti tiegħu jkun jista' jirregola l-każijiet ta' quddiemu kon-*

*sistement mal-prinċipju ta' l-ekonomija u tal-loġika li huma fondamentali tant għall-proċedura ċivili in ġenerali kemm għall-istitut tal-konnessità in partikolari.*

*Il-liġi tagħna dwar il-produċibilità ta' "hearsay evidence" mhix kategorika u, infatti, tammetti din il-kwalità ta' prova, skond iċ-ċirkostanzi, meta tkun rilevanti għall-materja in kontroversja jew fejn it-terz ma jkunx iżjed produċibbli u l-fatt ma jkunx jista' jiġi ppruvat xort'oħra, u telenka fost il-każijiet speċjalment ammissibbli, il-kliem jew fatti ta' persuna mejta.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi ippremettiet:—

a) li fid-19 ta' Lulju, 1959 miet fiż-Zurrieq ir-raġel tagħha Alfredo Caruana, b'testment fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tas-7 ta' April, 1946 li kopja tiegħu tinsab esibita fl-atti tal-kawża pendenti quddiem din il-Qorti u differita "sine die" in re "Giuseppa Caruana vs. Andrea Caruana" (ċitaz. nru. 24/61);

b) li b'dan it-testment l-imsemmi żewġha Alfredo Caruana istitwixxa lill-attriċi bħala werrieta tiegħu użufruttwarja u lill-konvenut bħala werriet tiegħu universali; u

c) li l-attriċi għandha interess li tkun taf liema beni jappartienu lill-konvenut bħala werriet ta' żewġha u liema beni jmissu lilha minn dak li ħalla żewġha, u talbet:—

(1) il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġià eżistenti bejna u l-imsemmi żewġha, billi tiġi magħmula tikkonsisti fil-beni li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża;

(2) li dan l-assi soċjali konjugali, hekk likwidat, jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet ugwali, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-assi partikolari ta' l-imsemmi żewġha; u

(3) li jiġi likwidat l-assi partikolari ta' l-istess żewġha billi jiġi magħmul jikkonsisti fis-sustanzi li jiġu lilu assenjati mill-akkwisti konjugali u fis-sustanzi l-oħra li jirriżultaw waqt *it-trattazzjoni tal-kawża, u billi jiġi dikjarat ukoll li jappartjeni* lill-konvenut bħala eredi universali tal-imsemmi Alfredo Caruana u suġġett għad-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment fuq imsemmi. Bl-ispejjeż.

Rat a fol. 8 in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal (1) li huwa ma jopponiex ruħu għall-likwidazzjoni sakemm issir a norma tad-dispożizzjonijiet *legali relativi*; *(2)* li anke kieku l-attriċi ġiebet xi dota l-valur tal-użufrutt ordnat minn żewġha Alfredo Caruana, skond l-art. 676 tal-Kodiċi Ċivili, jingħad mħolli skont ta' kemm l-attriċi tal-volta ġiebet fiż-żwieġ.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi kif irrapporta l-perit legali, irriżulta mill-provi u del resto lanqas huwa b'xi mod kontestat bejn il-partijiet li Alfredo Caruana u martu Giuseppa, l-attriċi, iżżewġu fit-28 ta' Ottubru, 1943 (fol. 4) u dan iż-żwieġ tagħhom ġie xolt bil-mewt tiegħu li ġrat fid-19 ta' Lulju, 1959. Ma jirriżultax li kellhom tfal u huwa laħaq għamel testment fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tas-7 ta' April, 1946, li kopja tiegħu tinsab esibita bħala Dok. A fil-proċess l-ieħor fuq imsemmi (iż-jed 'il quddiem imsejjaħ il-proċess l-ieħor). B'dan it-testment, wara li rrevoka t-testmenti kollha preċedenti, huwa (a) ħalla b'titolu ta' legat lill-attriċi martu "l-użufrutt universali tal-beni tiegħu kollha tant stabili kemm mobili", eżentaha mill-obbligi tal-inventarju u kawżjoni, u taha wkoll il-fakoltà illi tiġbed mill-bank fejn it-testatur għandu flus ammontanti li ma jissuperawx il-ħamsa u erbgħin lira fis-sena oltri l-imgħax; u (b) salv dan il-legat istitwixxa bħala eredi tiegħu universali lil

ħuh, il-konvenut f'din il-kawża;

Illi billi l-attriċi mietet mingħajr testment malli leħqet fetħet din il-kawża, il-wirt tagħha jidher li għadda u l-ġudizzju llum jinsab trasfus favur it-tliet ħutha Christina Dalli, Francesco Sammut u Carmela Grixti, kwart kull wieħed, u, kwantu għar-rimanenti kwart bejniethom, George, Daniel u David, aħwa Falzon ulied oħtha premorta Maria mart Grazio sive Orazio Falzon (vide fol. 14 digriet apertura tas-suċċessjoni).

Illi qabel ma istitwit din il-kawża, minħabba xi differenzi li kien inqala' bejnha u l-konvenut tant dwar il-portata tal-użufrutt kostitwit bl-imsemmi testment kemm dwar id-dritt tagħha li tirtira s-omma ta' mhux iżjed minn £45 fis-sena missomma ta' £450 li kien hemm investiti f'4½% Defence Bonds fil-mewt tad-decuius, l-attriċi kienet bdiet kawża oħra permezz tal-proċess l-ieħor fejn, in kontestazzjoni mal-istess konvenut u eredi ta' żewġha kienet talbet, prevja okkorendo l-kundanna tal-ammisjoni fil-prossess tal-legat, żewġ deklaratorji, i.e. (a) li kellha d-dritt tusufruixxi mis-somma ta' £400 depositata fil-Banka Tagliaferro mir-realizzazzjoni tal-imsemmija Defence Bonds wara li ġew irtirati u mnaqqsin bl-ammont ta' £50 li milli jidher ittieħdu għal skop ieħor di comune accordo, u (b) li kellha d-dritt ukoll tiġbed għaliha mill-istess flus, oltri l-imgħax, is-somma ta' £45 fis-sens b'effett mill-mewt ta' żewġha. Il-konvenut, kif jidher mill-proċess l-ieħor, ikkontestalha tant l-ewwel kemm it-tieni domanda, dik ta' l-ewwel għaliex, kif hu jippretendi, l-universalità tal-usufrutt hija ristretta għal stabili u mobili, u d-Defence Bonds, bħala titolu li jissarfu flus mhumiex "mobili", a tenur tal-art. 354(2) Kod. Civ., li dik tat-tieni għaliex hija kellha dritt tirtira sa £45 fis-sena, skond it-testment "mill-flus li t-testatur kellu il-bank", u Defence Bonds mhumiex bank. Dan il-proċess l-ieħor kien fi stat avvanzat ta' istruzzjoni meta l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni għaliex kienet għadha ma saritx

il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tad-decuius u għalhekk ma kienx magħruf jekk id-Defence Bonds imsemmija f'dik iċ-ċitazzjoni kienux kollha ġew in parti f'dak l-assi. Għalhekk din il-Qorti, kif allura diversament presjeduta, iddekretat is-soprasessjoni *f'dik il-kawża u iddifferita sine die riappuntabili fuq* rikors ta' waħda mill-partijiet jew wara li jgħaddi inutilment it-terminu hemm profiss għall-istituzzjoni ta' din il-kawża jew wara l-eżitu ta' din il-kawża. L-attriċi mbagħad fetħet din il-kawża, u l-kawża l-oħra, kif intqal, in segwitu, ġiet riappuntata biex ma tmurx deserta u hija pendenti għal-lum stess.

Illi dana kollu mhuwiex qiegħed jingħad bħala sempliċi kronaka imma minħabba l-provvediment li l-Qorti sejra tagħti *f'din is-sentenza dwar id-deklaratorja mitluba mill-attriċi* mattielet domanda tal-kawża odjerna, billi hija talbet ukoll li l-assi *partikolari ta'* Alfredo Caruana, kif għandu jiġi likwidat, ikundikjarat soġġett għad-dispożizzjonijiet kontenuti fl-istess testment tiegħu.

Illi din id-deklaratorja waħidha tista' forsi tidher innokwa għax wieħed jista' jgħid li tkun talment vaga u ġenerika li ma tistax tkun ta' *preġudizzju fil-proċess l-ieħor, fejn għad iridu* jiġu definiti l-portata tal-usufrutt u d-dritt tal-isbank ta' £45 fis-sena mill-flus li kienu fid-Defence Bonds. Iżda l-Qorti jidhrilha li, peress li f'dak it-testment, barra mill-istituzzjoni tal-eredi, ma hemmx dispożizzjonijiet oħra ħlief il-kostituzzjoni tal-użufrutt bid-dritt tal-iżbank annwali fuq imsemmi, kieku din il-Qorti f'din il-kawża kelha tiddikjara dak l-assi partikolari suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-testment **sic et simplicitu,** mentri fil-fatt huwa magħruf li l-konvenut — ħażin jew tajjeb — qiegħed jikkontesta li l-użufrutt u d-dritt ta' l-iżbank jistendu għad-Defence Bonds, jista' jiġri li fil-proċess l-ieħor *il-konvenut jiġi milqugħ bl-exceptio rei judicatae* u dana billi din is-sentenza tkun allura interpretabili fis-sens illi ddeċidiet illi d-Defence Bonds, (li huma fl-aħħar mill-aħħar l-aqwa

kwistjoni ta' bejn il-partijiet) **bħala parti mill-assi partikolari ta' Alfredo Caruana,** huma wkoll soġġetti għat-testment u bħala tali kolpiti bl-użufrutt, dak li fil-fatt għad irid jiġi dimostrat fil-proċess l-ieħor mill-attriċi jew aħjar mil-eredi tagħha jekk jiddeċiedu li jirrimuovu l-ostakolu eżistenti f'dak il-proċess bit-talba għat-trasfusjoni tal-ġudizzju f'isimhom, stante li Giuseppa Caruana ma mietetx biss għall-finijiet ta' din il-kawża, imma anke tal-proċess l-ieħor;

Illi huwa veru li f'din il-kawża il-Qorti diversament presjeduta bid-digriet tagħha a fol. 16 inkarikat lill-perit legali biex jirrelata, barra milli fuq il-likwidazzjonijiet il-pjan ta' diviżjoni, anke fuq dik id-deklaratorja. F'termini preċiżi kif id-deklaratorja hija konċepita fit-tielet domanda jinqasmu fi tnejn ċioè li l-assi partikolari kollu ta' Alfredo Caruana, kif likwidat fuq il-bażi tant ta' sehmu mill-koakkwisti konjugali kemm ta' sustanzi oħrajn li jirriżultaw, jiġi dikjarat (1) li jappartjeni lill-konvenut bħala eredi tiegħu u (2) soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi testment. L-estigazjoni tal-Qorti ma tirrigwardax l-ewwel parti ta' din id-dikjarazzjoni imma t-tieni waħda biss, u huwa fuq dan li l-Qorti sejra 'l quddiem, għar-raġuni premessa, tiddikjara li għalissa tastjeni mill-konjizzjoni ta' parti minn dik id-deklaratorja u tirrinviha għall-proċess l-ieħor fejn già hemm domanda apposita mhux biss preċedenti imma anki iżjed preċiża;

Illi kwantu għal dak il-parti tad-diklaratorja miġjuba bin-Nru. (2) hawn fuq, il-perit legali (fol. 67) kompla iddistingwa, u mentri irrelata li, għar-raġuni minnu ndikati u li l-Qorti qegħda tħalli impreġudikati min-naħa u minn oħra, m'għandux ikun hemm dubju li l-assi partikolari kollu tad-decuius (kompriż anke dak li kien qiegħed f'Defence Bonds fil-mewt tiegħu, huwa jew aħjar kien soġġett għall-użufrutt ta' Giuseppa Caruana, min-naħa l-oħra huwa ħass li m'għandux jesprimi opinjoni dwar id-dritt għal dak li huwa sejjaħ

"l-legat" ta' £45 fis-sena, tant għax il-kontestazzjoni ta' dak "il-legat" tifforma l-meritu tal-proċess l-ieħor kemm għax ma kellux inkariku jirrelata dwar il-meritu ta' dik il-kawża. Il-Qorti hawnhekk poġġiet il-kelma "legat" bejn virgoletti għaliex forsi huwa diskutibbili jekk id-dritt pretiż mill-attriċi fir-rigward tal-iżbank ta' somma ta' mhux iżjed minn £45 fis-sena huwiex dritt għal-legat **ieħor** separat u distint mill-użufrutt universali preċitat, jew inkella aċċessorju u ħaġa waħda għad-dritt tal-użufrutt, hi x'inhi l-portata ta' dan użufrutt. Dana qiegħed jingħad biss biex il-Qorti turi iżjed biċ-ċar kemm mhiex qegħda tippronunzja ruħha dwar l-effett u l-intepretazzjoni ta' dawk il-legati jew dak il-legat, skond ma hu l-każ, imma fi kwalunkwe każ il-Qorti kif issa presjeduta tant taqbel mal-perit legali fil-korrettezza tal-attitudini newtrali tiegħu dwar id-dritt tal-iżbank li hija anzi konvinta li l-istess attitudini jmissa tapplika għad-dritt tal-użufrutt stess, in kwantu jista' talvolta jolqot lill-flus investiti fid-Defence Bonds u dan għarraġunijiet identiċi ċioè l-introduzzjoni tal-kawża preċedenti dwar l-applikabilità ta' dak l-użufrutt għad-Defence Bonds u l-kontestazzjoni f'dik il-kawża. L-istess s'intendi ma jistax jingħad għal dawk is-sustanzi li mhumiex involuti fil-proċess l-ieħor, u għalihom id-deklatorja mitluba tista' tiġi akkordata jew miċħuda f'din il-kawża skond il-meritu tagħha, kif sejjer isir 'il quddiem.

Illi għal dik li hija l-area komuni taż-żewġ kawżi (estensjoni o meno tal-użufrutt għad-Defence Bonds jew rikavat tagħhom u dritt ta' żbank sa £45 fis-sena) il-Qorti għalhekk tara r-rapport ta' litis pendenza u ta' konnessità. Peress li si tratta tal-istess Qorti ma tistax, taħt l-aspett tal-litis pendenza, tapplika l-art. 795 Kod. Proċ. Ċiv., u l-każ lanqas ma jimmerita, kif kultant sar fil-ġurisprudenza (Vol. XXIV, ii, 183, Vol. XXV, ii, 723) il-liberazzjoni tal-konvenut **ab observantia** dwar id-deklaratorja, għax din kif intqal fuq, tista' tingħata f'din il-kawża purkè limitament għas-sostanzi li mhumiex fiż-

żona komuni għaż-żewġ kawżi. Fl-istess ħin il-Qorti lanqas ma jidhrilha li għandha tordna t-trattazzjoni kontestwali minħabba konnessità taħt l-art. 796. Il-provvediment taħt dak l-artikolu, a differenza minn dak taħt l-artikolu preċedenti, huwa fakolativ u dana biex il-ġudikant, fl-arbitriju l-iżjed prudenti tiegħu jkun jista' jirregola l-każijiet ta' quddiemu konsistement mal-prinċipji tal-ekonomija u tal-loġika li huma fondamentali tant għall-proċedura ċivili in ġenerali kemm għall-istitut tal konnessità in partikolari. Issa f'dan il-każ għalkemm l-assi in kwistjoni huma żgħar, il-partijiet irnexxilhom jidħlu f'tant għoqod legali li l-iżjed każ prattiku tant għalihom kemm għall-ġudikant li jrid jiddeċiedi huwa li din il-kawża tieqaf fuq il-meritu tal-likwidazzjonijiet u diviżjoni mitluba u li, kwantu għad-deklatorja mitluba fit-tielet domanda, din tkun limitata biss għal dawk is-sostanzi li ma jidħlux fil-meritu tal-proċess l-ieħor, biex b'hekk jintlaħaq l-iskop li t-terren f'din il-kawża jiġi żgombrat mill-meritu tal-kawża l-oħra u mbagħad dik il-kawża l-oħra tkun tista' tiġi trattata u deċiża iżjed malajr mingħajr mal-meritu tagħha ikun oskurat mill-kontestazzjonijiet anke tal-materja probatizja f'din il-kawża. Dan jista' jsir kif sejjer isir, permezz tal-astensjoni u riservi provduti iżjed 'il quddiem. B'hekk ukoll il-proċess l-ieħor ma jkunx sar inutilment.

Illi dan premess il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-konsiderazzjoni tad-domandi fil-limiti fuq indikati.

Illi l-perit legali irrelata u in bażi għall-provi f'din il-kawża kemm fil-proċess l-ieħor il-Qorti taqbel, u del resto dan lanqas ma hu kontestat, li l-beni kollha involuti f'din il-kawża huma dawk elenkati minnu fin-numri (I), (II), (III), (IV) u (V) tal-paragrafu 7 tar-relazzjoni (fol. 62-63) liema elenku għandu jiġi kkunsidrat bħala nkorporat f'din il-parti tas-sentenza;

Illi dwar l-ewwel domanda (likwidazzjoni komunjoni tal-akkwisti) il-perit legali irrelata li mentri l-beni stabili ndikati fin-numri (II), (III), u (IV) tal-elenku fuq imsemmi huma beni partikolari ta' Alfredo Caruana (kif huwa ammess mill-attriċi a fol. 56) il-komunjoni tal-akkwisti *kellha fil-mument* tax-xoljiment tagħha biss dana l-attiv, ċioè:—

| | | |
|---|---|---|
| Investiti f'Defence Bonds (ara wkoll fol. 33 tal-proċess l-ieħor) | | £450.0.0. |
| Flus id-dar | | 75.0.0. |
| | Attiv | £525.0.0. |

Illi in vista tan-nuqqas ta' kontestazzjonijiet il-Qorti takkolji u tagħmel tagħha dak li ntqal mill-perit u tillikwida l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta' £525.

Illi bħala passiv tal-komunjoni l-perit legali irrelata li għandhom isiru żewġ prelevamenti, ċioè wieħed ta' £350 favur l-assi partikolari ta' Alfredo Caruana għaldaqstant flus li huwa kellu depositati f'Barclays Bank meta iżżewweġ (ara depo-siz. Frank Bonello fol. 45 u "statement of account" ta' Barclays Bank, fol. 46) u li fuqu ma jidhirx li hemm kontestazzjoni mill-atturi, tant li d-difensur tal-atturi irremetta ruħu għar-rapport, u ieħor ta' £100 favur l-attriċi Giuseppa Caruana għal daqstant flus li ġiebet magħha meta żżewġet;

*Illi dan it-tieni prelevament ġie ikkontestat mill-konve*-nut għaliex Giuseppa Caruana laħqet mietet qabel ma xehdet f'din il-kawża u l-konvenut issottometta li m'hemmx id-dritt għal dan il-prelevament għax tonqos prova denja ta' affidament li xi flus partikolari tagħha laħqu ġew konfusi mal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi l-oneru tal-prova relativa huwa dejjem fuq l-atturi li jallegaw id-dritt għall-prelevament, iżda din tista' ssir bil-mezzi kollha konsentiti mil-liġi u, kontrarjament għal dak li ssottometta l-konvenut, il-provi indizjarji mhumiex a priori eskluzi. Lanqas ma hu neċessarju, għalkemm din il-prova naturalment kienet tiswa ħafna kieku saret, li tiġi ipprovata l-identità preċiża tal-Bank fejn Giuseppa Caruana kienet suppost iżżomm il-flus qabel ma ikkonsenjathom lil żewġha, jekk tagħthomlu, wara ż-żwieġ. Huwa neċessarju minflok li ssir prova moralment konvinċenti (a) li Giuseppa Caruana kellha xi flus partikolarment tagħha qabel jew wara żwieġ, (b) li din is-somma kienet tammonta għal £100 u (c) li wara ż-żwieġ hija żbankathom u ikkonsenjathom lil żewġha;

Illi l-konvenut jikkritika r-rapport peritali u jikkontesta l-prelevament anki għar-raġuni li m'għandiex tiġi ammessa l-prova tad-"dictum de dicto" jew "hearsay" li sa ċertu punt ġiet konsiderata mill-perit legali fir-rigward tad-depożizzjonijiet ta' Cristina Dalli u Carmela Grixti, ħut Giuseppa Caruana;

Illi però min jara sew id-depożizzjonijiet tagħhom għandu malajr jinduna li mhux kull ma xehdu huma huwa bażat fuq ir-relazzjoni tat-terz li f'dan li hija Giuseppa Caruana għax għalkemm din kienet parti in kawża hija dejjem "terz" għall-finijiet tal-"hearsay evidence". Għal kuntrarju huma, min f'mod u min f'ieħor, xehdu direttament fuq ċirkostanzi ta' fatt li għandhom rilevanza għal din il-kwistjoni u li jridu jinżammu separati u distinti mill-element tal-"hearsay" taxxhieda tagħhom;

Illi taħt l-aspett dirett Cristina Dalli xehdet li hija taf personalment li qabel ma żżewġet oħtha Giuseppa kienet ilha ħafna snin taħdem man-nies bħala seftura (fol. 49 u 53) u f'dan hija korroborata minn Carmela Grixti (fol. 53). Mill-prova diretta ta' dan il-fatt il-Qorti tista' raġonevolment tin-

ferixxi l-fatt l-ieħor li Giuseppa Caruana setgħet faddlet xi flus;

Illi Cristina Dalli xehdet (fol. 51) li meta hi u oħtha Giuseppa kienu t-tnejn jaħdmu mal-familja Micallef Eynaud xi 27 sena ilu, *billi din il-familja kienet toqgħod ħdejn il-Knisja* ta' Santa Katerina tal-Belt (ftit l-isfel mill-Borsa) hija saret taf li Giuseppa kienet tmur tiddeposita t-tfaddil tagħha f'Bank ħdejn il-Borsa. Għalkemm ix-xhud qatt ma akkompanjata, il-viċinanza tad-dar għal Bank tagħti kredibilità u verosimiljanza lix-xhud; li barra minn dan kienet l-istess tara l-ktieb tal-Bank *f'idejn oħtha. Għalkemm stqarret li ma tafx taqra* mhuwiex diffiċili li wieħed jaraf ktieb tal-Bank, speċjalment jekk ikun jaf li sidu jkun għadu sejjer lejn jew ġej mill-Bank. Għalhekk din ix-xhud tfornixxi l-prova diretta ta' minn żmien sew qabel iż-żwieġ tagħha Giuseppa Caruana kellha l-abitudini li tiddeposita flusha f'bank ħdejn il-Borsa. Li hija kienet iġġemma huwa mbagħad korroborat minn Carmelo Grixti (fol. 53);

Illi in oltri Carmela Grixti tfornixxi prova diretta oħra ta' fatt importanti u anzi kważi konklusiv, ċioè li ftit ġranet wara li oħtha Giuseppa iżżewġet u marret toqgħod magħha u ma ommhom flimkien mar-raġel, Giuseppa ħarġet biex tmur (kif qaltilhom) il-Belt u wara li ġiet lura urietha envelop bil-flus;

Illi ċ-ċirkostanzi deposti direttament kif intqal fuq iwassluna biex naraw lil Giuseppa Caruana b'somma ta' flus f'idejha ftit ġranet wara ż-żwieġ tagħha. Iżda biex isir il-prelevament, dan waħdu, għalkemm importanti bħala sottostrat ta' fatt u bħala prova taċ-ċirkostanza ġenerika li Giuseppa Caruana kellha xi flus minn qabel ma iżżewġet, mhuwiex biżżejjed u jonqos xi prova integrativa li dawk il-flus kienu jammontaw għal £100 u li hi tathom lil żewġha wara iż-żwieġ;

Illi għall-integrazzjoni ta' din il-prova l-konvenut donnu

jippretendi l-prova preċiża tal-kontinwità tal-passaġġ tal-flus mid-depożitu fil-bank f'isem Giuseppa Caruana għad-Defence Bonds, però anke f'dak il-każ, in vista tal-mewt tal-uniċi żewġ persuni li kienu jafu l-fatti preċiżi, ċioè l-konjugi Caruana, dejjem setgħa baqa' dubbju jekk il-flus ta' Giuseppa Caruana ġewx effettivament versati minnha lil żewġha wara l-iżbank u minnu nvestiti f'Defence Bonds. Il-prova ta' ċirkostanzi bħala dawk in kwistjoni, f'kawża ċivili ta' entità moderata, m'hemmx bżonn li ssir bl-istess mod rigorus bħal kif issir għall-prova tal-kontinwità jew tal-passaġġ tal-pussess tal-arma tad-delitt in sedi penali, u huwa biżżejjed li l-ġudikant ikun konvint fuq bażi ta' probabilità u anki per mezz induzzjonijiet loġiċi u raġonevoli li ma jdaħħluhx fil-kamp ta' l-ispekulazzjoni. Kif intqal fuq però, anke għal dan il-kriterju ta' probabilità; il-provi diretti fuq imsemmija, biex iwasslu ħalli jiġġustifikaw il-prelevament jonqoshom li jiġu supplimentati bil-prova tal-ammont sew ta' flus u tal-versament f'idejn Alfredo Caruana;

Illi l-Qorti fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma ssibx diffikoltà biex tammetti l-"hearsay evidence" li dik is-somma kienet attwalment tammonta għal £100 u li Giuseppa Caruana wara ż-żwieġ tagħta lir-raġel. Il-liġi ta' Malta fir-rigward (art. 597 u 598) mihiex rigorusa daqs il-liġi ingliża li llum tinsab attwalment taħt ċerta kritika fir-rigward għaliex fir-riċerkatezza tagħha kultant toffri ostakolu għall-indaġini tal-verità. Għalkemm fil-liġi ta' Malta il-"hearsay evidence" mhihiex bħala regola ammissibbli; dik ir-regola ssib l-applikazzjoni preċipwa tagħha fil-każijiet fejn it-terz ikun għadu produċibili bħala xhieda (art. 597(1)). Għaldaqstant mhux il-"hearsay evidence" kollha hija xorta u tal-istess sospettabilità; il-liġi tammetti ċerti distinzjonijiet, dipendenti mill-produċibilità o meno tat-terz u min-natura u ċirkostanzi partikolari tal-każ, bejn "hearsay" u "hearsay", fis-sens li l-ammissjoni ta' ċerta kwalità ta' "hearsay" hija ovvjament inqas perikoluża minn oħra,

taħt il-prudenti arbitriju tal-ġudikant avut rigward għall-fiduċja riponibili fis-sorġenti tal-informazzjoni, iż-żmien insospett tal-ewwel dikjarazzjonijiet u ċirkostanzi oħrajn simili. Huwa preċisament għalhekk li l-liġi fl-art. 597 mihiex kategorika u fl-art. 598 takkorda lill-Qorti l-fakoltà li tammetti din il-kwalità ta' prova, skond iċ-ċirkostanzi, meta tkun rilevanti għall materja in kontraversja jew fejn it-terz ma jkunx iżjed produċibili u l-fatt ma jkunx jista' jiġi ppruvat xort'oħra, u telenka fost il-każijiet speċjalment ammissibili, il-kliem jew fatti ta' persuni mejta. Huwa mbagħad naturali li bl-eċċezzjonalità tal-produzzjoni tal-"hearsay evidence" tkun iżjed rigorosament applikata in sedi penali jew fi proċessi ċivili fejn id-domanda tattribwixxi lill-konvenut xi delitt jew xi fatt li jinvolvi l-sem u r-reputazzjoni tiegħu, imma dan mhuwiex proċess minn dawk. F'dan il-każ id-depożizzjonijiet ta' Carmela Grixti u Cristina Dalli fir-rigward jikkwalifikaw tant taħt l-aspett tar-rilevanza hemm taħt dak tal-impossibilità tal-prova mod ieħor, għax il-prova tar-reġistru tal-Bank fejn il-flus probabilment kienu m'għadhiex tista' ssir in vista tad-distruzzjoni tagħhom (depożiz. Laferla fol. 51/52) u ż-żewġ xhieda prinċipali, il-konjugi Caruana, huma t-tnejn mejtin. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, bħal perit legali, qegħda tammetti u tieħu in konsiderazzjoni x-xhieda ta' Carmela Grixti u Cristina Dalli, li mhumiex qegħdin jaqilgħu huma din il-kwistjoni għall-ewwel darba imma sempliċement qegħdin jgħidu dak li oħthom konsistentement irriteniet anki b'atti ġudizzjarji;

Illi tant Cristina Dalli (fol. 49, 51) kemm Carmela Grixti (fol. 53) xehdu li oħthom dejjem kienet tgħidilhom li s-somma li kellha l-Bank kienet £100. Barra minn dan Carmela Grixti xehdet li oħtha kienet qaltilha li sejra tirtirahom mill-Bank għaliex żewġha riedha iġġibhom, u kien dakinhar stess wara li qaltilha hekk, u li qaltilha li sejra l-Belt, u li ħarġet mid-dar u li reġgħet ġiet lura, li din ix-xhud rat lil Giuseppa Caruana bl-envelope bil-flus f'idha dieħla fil-kamra fejn hi kienet tgħix

ma żewġha fid-dar tax-xhud u ommhom. Is-somma mhix tant kbira li Giuseppa Caruana ma setgħetx bl-għaqal tagħha fadditha fiż-żmien twil li għamlet taħdem bħala seftura. Inoltre jirriżulta li xi sentejn u nofs wara ż-żwieġ tiegħu magħha Alfredo Caruana dawwar il-kont tiegħu f'Barclays Bank, li qabel kien f'ismu biss, f'joint account f'isimhom it-tnejn b'mod li setgħu jirtiraw il-flus tant flimkien kemm separatament (fol. 46 tergo). F'dak iż-żmien (1946) ma kienitx għadha tant prevalsa fil-kampanja tagħha l-użanza tal-"joint account" bejn il-miżżewġin, u f'dan il-fatt il-Qorti tara sintomu ta' rikonoxximent u korroborazzjoni da parti ta' Alfredo Caruana stess li dawk ma kienux flusu biss, speċjalment trattandosi ta' depożitu fiss;

Illi l-Qorti, fin-nuqqas ta' ċirkostanzi idonei biex jinfiċjaw il-kredibilità tagħhom, ma tistax, kif jippretendi l-konvenut, ma temminx lil dawn iż-żewġ xhieda sempliċement għax għandhom interess u huma partijiet fil-kawża;

Illi l-istess Giuseppa Caruana, fil-ftit li laħqet xehdet fil-proċess l-ieħor (fol. 12), meta ġiet biex tgħid li kienu żdiedu £150 mal-flus li r-raġel tagħha kellu f'Barclays Bank qalet "żidna" u mhux "żied". Jista' jkun li hija tħawdet xi ftit wara ħmistax-il sena mill-fatt meta qalet li dan l-ammont żdiet biex inxtraw id-Defence Bonds, għaliex effettivament l-ammont depositat f'isem ir-raġel f'Barclays Bank kien ġià telgħa għal £530 qabel ma ġie mdawwar f'isimhom it-tnejn, imma din hija ċirkostanza ta' dettal dwar jekk il-flus żdiedux qabel jew wara li ngħalaq il-kont ma' Barclays u ma tneħħix l-importanza u s-sostanza tal-kelma "żidna" minnha użata;

Illi kontra dawn il-provi diretti u ndiretti, tant viva voce kemm "hearsay" li mill-kompless tagħhom il-Qorti hija konvinta mit-teżi tal-atturi, il-konvenut ma ressaq ebda prova ħlief li hu personalment ma jafx xejn fuq il-£100 u li ħuh qatt

ma qallu bihom;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tammetti dak il-parti tax-xhieda ta' Christina Dalli u Carmela Grixti fejn huma rriferew x'kienet qaltilhom oħthom Giuseppa fuq l-ammont ta' £100 in kwistjoni u billi ma hemmx raġuni biex il-Qorti taħseb li oħthom kienet irriferitilhom il-falz il-Qorti takkolji dik il-parti tar-relazzjoni peritali fejn huwa rakkomandat il-prelevament ta' £100 favur Giuseppa Caruana kontra l-komunjoni tal-akkwisti, u tordna li dan il-prelevament għandu jsir.

Illi l-konvenut eċċepixxa wkoll, (fol. 8) li f'każ li l-Qorti taċċetta li Giuseppa Caruana kienet ikkonsenjat dawn il-£100 lil żewġha, l-użufrutt li ħallilha għandu skond l-art. 676 Kod. Ċiv. jingħad imħolli akkont ta' kemm ġiebet fiż-żwieġ. Imma hu stess ippremetta li dik id-dispożizzjoni tapplika fil-każ li hi ġibithom bħala dota, u, kif tajjeb issottometta l-perit legali, f'dan il-każ ma kienx hemm skritta nuzjali u dak l-artikolu jirriferixxi biss għad-dota u dotarju, u bħala dispożizzjoni ta' natura eċċezzjonali għall-prinċipju tal-liberalità tad-dispożizzjonijiet testamentarji rikonoxxut fl-art. 742, m'għandux jistendi għal beni parafernali tal-mara, bħal ma kienu l-£100 in kwistjoni (Koll. Vol. XXIV. ii, 251; XXV. i, 421). Għalhekk din l-eċċezzjoni hija respinta bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Illi minħabba dawn iż-żewġ prelevamenti ammontanti għal £450 l-attiv nett tal-komunjoni tal-akkwisti jinżel għall-ammont ta' ħamsa u sebgħin lira (£75), f'liema ammont il-Qorti tillikwidah;

Illi kwantu għat-tieni domanda, m'għandiex x'issir ħlief b'akkoljiment ukoll tar-relazzjoni, li dan l-attiv nett jiġi maqsum f'żewġ porzjonijiet ugwali, ta' £37.10. il-waħda, waħda assenjabili lill-attriċi Giuseppa Caruana biex illum tmiss lill-

eredi tagħha fi kwoti ugwali — **per capita** u per **istirpes** skond ma ntqal iżjed 'il fuq u l-oħra assenjabili lill-assi partikolari ta' Alfredo Caruana;

Illi kwantu għat-tielet domanda l-Qorti, in difett ta' kontestazzjoni, takkolji wkoll ir-relazzjoni peritali (para. 15, fol. 66/67) u tillikwida l-assi partikolari ta' Alfredo Caruana filflus, fil-prelevament u fl-istabili hemm elenkati, liema elenku għandu wkoll jiġi kkunsidrat bħala parti integrali minn din is-sentenza, mingħajr passiv, u konsegwibili kollu mill-konvenut bħala l-eredi uniku universali ta' Alfredo Caruana skond it-testment fuq imsemmi, b'dana li l-istabili u nofs l-attiv nett tal-komunjoni li jiffurmaw parti minn dan l-assi għandhom jiġu wkoll dikjarati soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-istess testment, iġifieri għall-użufrutt ta' Giuseppa Caruana sakemm baqgħet ħajja, salv dejjem ir-riserva li sejra ssir 'il quddiem;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, prevja l-akkoljiment tar-relazzjoni peritali kull fejn mhiex inkonsistenti mal-preżenti u prevja r-riġett tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu.

a) Tilqa' l-ewwel domanda u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn Giuseppa Caruana u żewġha Alfredo Caruana billi tagħmilha tikkonsisti fl-attiv indikat fil-paragrafu 13 tar-relazzjoni peritali soġġett għal żewġ prelevamenti hemmhekk indikati u stabilità fil-korp ta' din is-sentenza iġifieri ta' £350 favur l-assi partikolari ta' Alfredo Caruana u ta' £100 favur Giuseppe Caruana;

b) Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-attiv nett ta' l-istess komunjoni, wara li jsiru ż-żewġ prelevamenti fuq imsemmija, ammontanti għal £75, jiġi maqsum f'żewġ porzjonijiet ta' £37.10. il-waħda, li waħda minnhom għandha tiġi assenjata lil Giuseppa Caruana u llum, stante il-mewt tagħha, tkun kon-

segwibili mill-eredi tagħha, li fihom ġie trasfus il-ġudizzju, fil-kwoti wkoll indikati fil-korp ta' din is-sentenza, u l-oħra għandha tiġi assenjata lill-assi partikolari ta' Alfredo Caruana;

c) tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-assi partikolari ta' Alfredo Caruana billi tagħmlu jikkonsisti fin-nofs tal-attiv nett tal-komunjoni kif fuq imsemmi, fil-prelevament u fl-istabili msemmija fil-paragrafu 15 tar-relazzjoni peritali, mingħajr ebda passiv, u dan l-assi għandu jkun konsegwibili kollu kif mitlub f'din id-domanda, mill-konvenut bħala eredi universali ta' l-istess Alfredo Caruana u għandu jkun soġġett, kwantu għall-istabili u għan-nofs tal-attiv nett tal-komunjoni tal-akkwisti, għad-dispożizzjonijiet kontenuti fl-imsemmi testment ta' Alfredo Caruana. Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tad-deklaratorja mitluba f'din id-domanda, cioè tal-kwistjoni jekk is-sostanzi oħra appartenenti lill-assi partikolari ta' Alfredo Caruana, u senjatament xi flus li kellu f'Defence Bonds u li fuqhom dan l-assi għandu dritt ta' prelevament skond ma ntqał fuq, humiex jew kienux soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi testment, liema kwistjoni tibqa' riservata għad-deċiżjoni fil-proċess l-ieħor Numru 7 fil-lista tas-seduta tal-lum.

L-ispejjeż tal-kawża, barra minn fejn ġa jinsabu deċiżi definitivament fil-proċess jew f'din is-sentenza, għandhom jiġu sopportati avut rigward għall-interess tal-kontendenti fil-ġid in diviżjoni, fil-mod segwenti; dawk relativi għat-tieni domanda jħallsuhom nofs l-atturi fil-porzjonijiet minnhom konsegwiti fil-wirt ta' Giuseppa Caruana u n-nofs l-ieħor il-konvenut; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jitħallus kwint (1/5) mill-atturi bejniethom fil-porzjonijiet fuq imsemmija u r-rimanenti erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.